**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

SEDUTA NRU. 30 – IL-ĦAMIS, 6 TA' APRIL 2017

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joe Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfrida Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |

## 1. QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJA

1.1. Is-SE qal li s-Sinj. Vella għarfitu li ma setgħetx tattendi.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Is-SE semma li l-laqgħa perċedenti bin-numru 29 ma saritx għaliex ħadd mill-membri ma segħta jattendi.

2.2. Il-minuti tal-laqgħa numru 28 kienu meqjusa moqrija.

2.3. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

3.1. Iċ-*Chairperson* semmiet l-email li rċiviet mingħand Louise Gatt dwar it-talba sabiex jitneħħa l-istekkat minn Triq ir-Ridott. Barra minn hekk fl-istess email hija talbet sabiex Triq Xatt il-Palm, Triq is-Sikka u Triq ir-Ridott jingħataw wiċċ għaliex jinsabu fi stat ħażin. Fl-email hija kitbet li allegatament il-Kunsill Lokali jnagħtaw miljuni ta' flus sabiex jintużaw fl-aħjar interess tar-residenti. Is-SE esprima b'dispjaċir li din hija persuna ma taċċetta qatt fatti li jingħataw lilha mill-Kunsill u li dan li qed tallega lanqas biss wieħed jista' jimmaġina.

3.2. Is-Sinj. Cuomo semmiet l-email mingħand Rose Goodhead dwar l-art li kienet mikrija lill-iscouts ta' B'Kara. Dan għaliex l-attività f'din l-art baqgħet ma waqfitx u għaldaqstant l-inkonvenjenza għadha għaddejja.

3.3. Is-Sinj. Muscat semmiet l-email li hija bagħtet lill-Ministru Deborah Schembri dwar din il-kwistjoni. Madankollu baqgħet mingħajr rispons. Kien għalhekk li hija ċemplet lill-Ministeru kkonċernat biex tagħmel segwitu tal-każ. Min-naħa tal-Ministeru wiġbuha li se jatuha tweġiba aktar 'il quddiem.

3.4. Finalment fid-dawl ta' dan kollu, s-Sinj. Cuomo talbet lis-SE sabiex nerġgħu niktbu lill-Ministru Deborah Schembri, b'kopja lill-Kummissjoni tal-i*Sports*.

3.5. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-ismijiet tat-toroq Ridott u Anton Manwel Caruana jew ġew nieqsa jew inkella ma għadhomx jidhru. Għalhekk hija talbet lill-Kunsill sabiex jitkellem ma' sid il-binja.

3.6. Iċ-*Chairperson* qalet li ħafna mill-iskipps tal-iskart imħallat li hemm f'Baħar iċ-Ċagħaq għandhom bżonn l-attenzjoni. Il-Kunsill mistenni li jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur. Is-Sur Bonello aċċenna li dan hu ħtija tal-kuntrattur ukoll, għaliex ma jieħux ħsieb tal-kundizzjoni tagħhom meta jbgħattalhom.

## 4. IŻ-ŻONA TAL-ISCOUTS

4.1. Is-Sinj. Cuomo staqsiet min se jnaddaf il-ħaxix.

4.2. B'mod unanimu tqajmet kritika li s-siġar li kienu tħawlu, kienu ta' għamla baxxa żżejjed. Is-SE qallhom li dan huwa xogħol ta' esperti, filwaqt li għarrafhom li maż-żmien ma jibqgħux daqstant baxxi daqs kemm qegħdin jaħsbu. Maġenb il-kosta, idealment, is-siġar iridu jkunu ta' natura baxxa.

4.3. Is-Sur Bonello staqsa x'kienet ir-raġuni li ma tħawlux siġar tal-palm minflokk dawk preżenti. Is-SE semma l-problema li joħloq il-bumunqar l-aħmar meta jattakka siġar ta' din l-għamla.

4.4. Il-Kunsill Lokali kien kiteb sabiex jieħu din l-art f'idejh iżda sal-lum kien għadu mingħajr tweġiba. Għalhekk il-Kunsill mistenni li jerġa' jikteb.

## 5. L-ENTRATURA TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ (PARKEĠĠ)

5.1. Is-Sinj. Cuomo nfurmat lill-kumplament tal-membri li d-Dipartiment tal-Parks kellhom jitkellmu mal-Perit Kylie Borg Marks. Hija qalet li tkellmet mal-Perit Rodney Micallef ta' TM, fejn min-naħa tiegħu wieġeb li TM kienu qegħdin jistennew mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar.

5.2. Il-membri kkonkludew li din hija evidenza li s'issa min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar għadu ma ġie mfassal xejn. F'dan ir-rigward is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex jagħmel pressjoni fuq l-Awtorità tal-Ippjanar.

5.3. Is-Sinj. Cuomo semmiet ilment li waslilha fid-dawl ta' tliet/ erba' caravans li diġa hemm stazzjonati fl-akwata ta' wara l-iSplash & Fun. Dan minkejja li l-caravans kellhom jibdew minn Mejju 2017. Is-Sinj. Cuomo żiedet tgħid li bħala Kumitat, kull ma jista' jagħmel huwa li jikteb lill-entitajiet.

5.4. Is-SE ressaq suġġeriment sabiex il-Kunsill Lokali jipproponi li l-caravan site jamministraha l-Kunsill.

## 6. NEWSLETTER

6.1. Iċ-*Chairperson* qalet li waħda mill-isfidi preżenti li għandu l-Kumitat hija l-influss qawwi ta' residenti ġodda. Residenti li ma jafux li jeżisti l-Kumitat Amministrattiv, filwaqt li ma humiex konxji mis-servizzi li għandhom għad-disposizzjoni u ċerta tagħrif bħal fi x'ħin u meta jgħaddi tal-iskart, kif jaħdem tal-iskart goff, meta tinkines it-triq li joqogħdu fiha, eċċ.

6.2. Intlaħaq qbil bejn is-Sinj. Cuomo u s-Sinj. Abela sabiex jiltaqgħu biex jiddiskutu kif għandhom iħejju abbozz għal din iċ-ċirkulari.

6.3. Is-Sur Bonello semma li jeħtieġ titqajjem aktar kuxjenza dwar il-ħmieġ li hemm f'Baħar iċ-Ċagħaq b'mod partikolari l-ħmieġ tal-klieb. Il-membri lkoll qablu dwar dan.

## 7. ĦWEJJEĠ OĦRA

7.1. Is-Sinj. Cuomo semmiet il-ħofor li hemm fi Triq l-Iskall u fi Triq ix-Xambekk. Ta' Triq l-Iskall qiegħda għal nofs it-triq filwaqt ta' Triq ix-Xambekk, tinsab viċin Triq it-Tunnara.

7.2. Is-Sinj. Cuomo talbet lill-Kunsill sabiex ngħaddu tfakkira lill-ħaddiem għar-refreshing tas-sinjali tat-toroq.

7.3. Is-Sinj. Muscat semmiet li fl-aħħar il-bankijiet ta' Ġnien Santa Marija tal-Anġli saru. Is-Sinj. Cuomo wriet l-apprezzament tagħha għax-xogħol siewi li sar f'dan ir-rigward.

7.4. Is-Sinj. Cuomo staqsiet lis-SE dwar il-possibilità li f'Baħar iċ-Ċagħaq ikun hemm spiżerija. Hija qalet li fl-imgħoddi laħaq kellhom spiżerija, u l-ammont ta' residenti kien inqas minn dak preżenti.

7.5. Is-Sinj. Cuomo qalet li l-ispiżjara huma skarsi. Is-SE żied jgħid li biex ikun hemm spiżerija, jrid ikun hemm għad sostanzjali ta' residenti.

7.6. Wara qbil unanimu, s-Sinj. Cuomo talbet lis-SE sabiex jgħaddi talba lill-Maltapost sabiex tiġi nstallata letter box fi Triq il-Lampara, quddiem il-fergħa li għadha kemm fetħet. Madankollu kemm-il darba, l-Maltapost jkunu se jmexxu dik li hemm fi Triq is-Sikka, ma jagħmlu xejn.

7.7. Is-Sinj. Muscat semmiet il-ħaxix li kiber b'mod eċċessiv fi Triq ir-Ridott ma' Triq Anton Manwel Caruana. Dan tant kiber li qieghed jagħmilha impossibli li r-residenti jużaw il-bankina. Is-SE għarraf lill-membri li l-Kunsill kien diġa ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

7.8. Iċ-*Chairperson* semmiet li rridu niktbu lis-Sur Simon Cioffi mit-taqsima tal-Works sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-ġardinara fid-dawl tal-ħaxix ħażin li qiegħed jikber fi Ġnien Santa Marija tal-Anġli.

7.9. Finalment il-membri semmew it-tbattil tal-BIS li ma kienx qiegħed isir fuq bażi regolari bil-konsegwenza li dawn ġieli jkunu mimlija għal tant jiem.

7.10. Fid-dawl tal-bin tal-ħwejjeġ li jinsab fi Triq Anton Manwel Caruana, s-sitwazzjoni preżenti hija li jridu jkunu l-membri jew ir-residenti li jgħarrfu lill-kumpanija sabiex tibgħat lill-kuntrattur ibgħattalha. Is-Sinj. Cuomo qalet li jkun jagħmel aktar sens jekk il-kumpanija talloka ġurnata li fiha l-kuntrattur minn ġimgħa għall-oħra, jmur u jbgħattalha.

## 8. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

8.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju, 2017 għal-17:00hrs.

8.2. Il-laqgħa ntemmet fis-18:00hrs.

| | |
|---|---|
| ***(IFFIRMATI)*** | ***(IFFIRMATI)*** |
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |